# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 25/2019 MH**

**Illum, 13 ta' Novembru, 2019**

**No Deposit Cars Malta Limited (C-85780)**

**vs**

**Vladimir Sokovic (KI nru: 0132443A)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' No Deposit Cars Malta Limited tal-11 ta' Jannar 2019** li permezz tiegħu ġie premess:

**"DIKJARAZZJONI TAL-FATTI**

1. *Illi b'kuntratt datat 10 ta' Lulju 2018 (hawn anness u mmarkati bhala* ***Dok A****) il-konvenut xtrara permezz ta' kuntratt ta' hire and purchase ("il-Kuntratt") il-vettura Peugeot bic-Chassis number*

*<u>VF30U9HD8S063655</u> targata KQZ 554 (hawn aktar il-quddiem bhala "il-Vettura");*

2. *Illi skond l-istess Kuntratt il-konvenut kien ftiehem illi jhallas it-total ta' Tlieta u Tletin Elf Ewro (€33,000.00) b'pagamenti mensili ta' Hames Mija u Hamsin Ewro (€550.00) fix-xahar u dan fuq medda ta' erba' (4) snin u hdax (11) il-xahar (vide Klawsola 2.4 tal-Kuntratt kif ukoll il-Payment Schedule annessa bhala* **Dok B***). Illi inoltre il-konvenut iffirma sittin (60) kambjala ta' Hames Mija u Hamsin Ewro (€550.00) (hawn annessi u mmarkati bhala* **Dok C***);*

3. *Illi l-konvenut ghamel tlett (3) pagamenti ta' Hames Mija u Hamsin Ewro (€550.00) sa Novembru 2018 u rritorna l-vettura minghajr ebda raguni valida u bi ksur tal-Klawsola 6 tal-Kuntratt u ghaldaqstant iddekada mill-beneficcju tat-terminu tal-hlas tal-prezz;*

4. *Illi skond il-Klawsola 7.1.2 tal-Kuntratt: "a breach of any condition of this agreement by the Hirer, the Owner shall demand immediate payment of the outstanding balance, including all interest due till date of effective payment, all other fees and charges that may have accrued and all other expenses the Owner may have incurred, including towage costs and legal expenses…"*

5. *Ghalhekk sal-llum il-bilanc dovut, oltre spejjez inkorsi fit-towing tal-Vettura, hu dak ta' Wiehed u Tletin Elf, Tlett Mija u Hamsin Ewro (€31,350.00);*

*Ghaldaqstant titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara li l-konvenut kiser l-kuntratt ta' hire and purchase datat 10 ta' Lulju 2018 bejn il-partijiet (Dok A);*

2. *Tiddikjara li a tenur tal-Klawsola 7.1 tal-kuntratt ta' hire and bejn il-partijiet (Dok A) il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu tal-bilanc tal-prezz dovut fuq il-bejgh tal-Vettura Peugeot bic-Chassis number VF30U9HD8S063655 targata KQZ 554;*

3. *Tiddikjara li l-konvenut hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' Wiehed u Tletin Elf, Tlett Mija u Hamsin Ewro (€31,350.00)rappresentanti bilanc dovut skont il-Ftehim Hire and Purchase tal-10 ta' Lulju 2018 (Dok A);*

4. *Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' Wiehed u Tletin Elf, Tlett Mija u Hamsin Ewro (€31,350.00);*

5. *Tiddikjara illi s-socjeta' rikorrenti hija l-propjetarja esklussiva tal-vettura Peugeot bic-Chassis number VF30U9HD8S063655 targata KQZ 554;*

*Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament finali kontra l-konvenut illi hu min issa ngunta in subizzjoni."*

Rat l-ewwel digriet tagħha tal-11 ta' Frar, 2019.

Rat in-notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni ukoll illi nonostante, cioe' l-konvenut baqa' kontumaċi.

Rat ukoll l-affidavit ta' Christian Borg u Mark Mussett (folio 39 et seq) f' liema affidavits gie ikkonfermat l-ammont reklamat.

Rat li fis-seduta tal-lum is-socjeta' attriċi għalqet il-provi tagħha u l-konvenut baqa' ma deherx.

**Konsegwentement taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet kollha:**

1. **Tiddikjara li l-konvenut kiser l-kuntratt ta' hire and purchase datat 10 ta' Lulju 2018 bejn il-partijiet.**

2. **Tiddikjara li a tenur tal-Klawsola 7.1 tal-kuntratt ta' hire and bejn il-partijiet il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu tal-bilanc tal-prezz dovut fuq il-bejgh tal-Vettura Peugeot bic-Chassis number VF30U9HD8S063655 targata KQZ 554.**

3. **Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' Wiehed u Tletin Elf, Tlett Mija u Hamsin Ewro (€31,350.00) rappresentanti bilanc dovut skont il-Ftehim Hire and Purchase tal-10 ta' Lulju 2018, u għalhekk tikkundannah biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' Wiehed u Tletin Elf, Tlett Mija u Hamsin Ewro (€31,350.00).**

4. **Tiddikjara illi s-socjeta' rikorrenti hija l-propjetarja esklussiva tal-vettura Peugeot bic-Chassis number <u>VF30U9HD8S063655</u> targata KQZ 554.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**